**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Numru: 309/10 CSH**

**Pater Finance Co. Ltd (C22643)**

**Vs**

**Victor Borg (I.D. 187554M) u martu Doris Borg (I.D. 300155M)**

**Illum 8 ta Gunju 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Pater Finance Co. Ltd (C 22643) ipprezentat fis-26 ta' Awwissu, 2010, fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom, ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sebat elef, tliet mija u disgha Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€7,309.88) rapprezentanti somma dovuta fuq dsatax-il kambjala minnhom debitament accettati u skaduti minn Frar 2006 sa Awwissu 2007 u mhux imhallsa, kopja ta' liema kambjali gew annessi bhala dokumenti minn 1 sa 19 konsekuttivament u inklussivament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Gunju, 2010 (kopja taghha annessa u mmarkata Dok A) u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra taghhom minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-8 ta' Novembru, 2010 fejn eccepew:

"Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

"1. Illi l-esponenti jichdu kategorikament li huma ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici l-ammont minnha pretiz fl-avviz.

Salv eccezzjonijiet ohra kemm-il darba jkun il-kaz."

Rat in-nota tal-konvenuti prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Frar 2011 ( fol. 26) li permezz taghha pprezentaw kuntratt ta' xiri tal-vettura li gie mmarkat bhala Dok. A u ricevuti li saru inkluz interessi li thallsu, li gew immarkati bhala Dok A2.

Rat illi din il-kawza kienet marret Sine Die fit-28 ta' Marzu, 2012 u li sussegwentement giet riapputata bid-digriet tas-17 ta' Gunju 2016.

Rat illi nhar it-22 ta' Frar 2017 xehed Marcel Avellino u stqarr illi huwa jokkupa l-kariga ta' Credit Controller tas-socjeta' attrici u ilu jokkupa din il-kariga ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena. Jikkonferma li effettivament huma ghamlu kawza kontra l-konvenuti sabiex jithallsu s-somma ta €7,309.88 rappresentanti numru ta' kambjali li gew iffirmati mill-konvenuti u ma gewx onorati minnhom. Muri l-kambjali esebiti fl-atti a fol. 2 sa fol. 8 jghid li dawn huma l-kambjali mahruga mis-socjeta' attrici. Mistoqsi jekk kellimx lill-konvenuti dwar dawn l-istess kambjali, jghid li kellimhom u dawn stqarru mieghu li ma kienux f'posizjoni sabiex jonoraw l-istess kambjali.

Rat in-nota pprezentata mill-konvenut Victor Borg nhar il-5 ta' April 2017 li permezz taghha huwa pprezenta sentenza moghtija mill- Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' April 2016 fir-rigward tal-qaghda finanzjajrja tieghu, liema sentenza giet immarkata bhal Dok VB1. Illi f'din is-sentenza l-Onorabbli Qorti kienet ordnat it-terminazzjoni tal-*"hatra tal-kuratur tal-falliment u l-istat tal-falliment tar-rikorrent Victor Borg sabiex b'hekk l-amminsitrazzjoni terga' tigi f'idejn ir-rikorrent, b'dan illi l-kredituri jergghu jiksbu l-jeddijiet taghhom kontra r-rikorrenti fuq il-beni kollha li r-rikorrenti jista ghad ikollhom."*

Rat illi l-konvenuti ma xehdux u ma ressqu l-ebda xhieda sabiex jissostanzjaw l-eccezzjonijiet taghhom u dan minkejja d-diversi differimenti li nghataw minn din l-istess Qorti, u kien ghalhekk li fis-seduta tal-10 ta' Mejju din il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett d'ostakolo.

Il-Qorti semghet lil Marcel Avellino jixhed ghan nom u in rappresentanza tas-socjeta' attrici u jikkonferma li d-debitu ghadu dovut lilha fis-somma imsemmija fir-rikors promotur fl-ammont ta' sebat elef, tliet mija w disa' Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€7309.88).

Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tichad ir-risposta tal-konvenuti, qieghda tilqa' t-talba attrici b'dan ili qieghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' sebat elef, tliet mija u disa' Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€7309.88).

Bl-ispejjez inkluz dawk konnessi mal-ittra ufficcjali datata 18 ta' Gunju 2010 a karigu tal-konvenuti u bl-imghax dekorribbli sa mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficcjali tat-18 ta' Gunju 2010.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**